MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 488/1991/1

**Philip Gauci f'ismu proprju**

**vs**

**Anthony Gatt u b'digriet tal-1 ta' Ottubru 1996 l-Avukat Dr. Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-kjamat fil-kawza Carmelo Gauci**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-attur huwa hu Giovanna Gatt, mart il-konvenut, li mietet fit-3 ta' Settembru 1990, minghajr tfal u intestata (Dok. A, B, C, D);

Illi l-attur per konsegwenza huwa eredi de iure tal-imsemmija Giovanna Gatt flimkien mal-konvenut zewgha;

Illi l-konvenut naqas li jaddivjeni ghall-likwidazzjoni u divizjoni bonarja tal-assi tad-decuius per konsegwenza ma jixtiequx li jibqghu f'komunjoni mal-konvenut;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex dil-Qorti :-

(1) tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Giovanna Gatt fil-kaz ta' bzonn per opera ta' Periti nominanti billi dina tigi dikjarata li tikkonsisti fil-beni parafernali tal-istess mejta flimkien ma nofs dawk il-beni mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-mejta ohthom u l-konvenut, li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza liema komunjoni ghandha tigi likwidata u diviza bejn il-konvenut u martu u n-nofs tal-mejta jigi assenjat lill-assi ereditarji taghha, waqt li n-nofs l-iehor jigi assenjat lill-konvenut;

(2) una volta likwidat l-assi ereditarju kollu tal-mejta m'ghandux dan jigi diviz bejn il-kontendenti terz kull wiehed u lilhom assenjat s-sehem rispettiv;

(3) f'kaz li l-beni formanti parti mill-assi ereditarju tal-mejta Giovanna Gatt jirrizulta mhux divizibbli ghaliex m'ghandhiex dil-Qorti tordna l-licitazzjoni tal-istess beni u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti ugwalment;

(4) tinnomina Nutar sabiex okkorrendo jircevi l-Att Pubbliku tad-divizjoni fil-jum, hin u lok li jigi ffissat kif ukoll

kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' deskrizzjni u sekwestru 538/91 u 539/91 rispettivament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Gatt fejn gie eccepit illi huwa qatt ma oppona ruhu ghall-qasma in kwistjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Gatt debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-21 ta' Gunju 1991 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Renato Laferla bil-fakoltajiet soliti;

Rat ir-rapport tal-abbli perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-12 ta' Frar 1993;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Mejju 1993 minn fejn jidher li l-partijiet ittransigew il-kawza;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru 1993 minn fejn jirrizulta li l-attur iddikjara li l-kuntratt relattiv ma setghax jigi pubblikat minhabba l-"clearance" tac-CIR (Commissioner of Inland Revenue);

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru 1994 minn fejn jirrizulta li l-konvenut eccepixxa ulterjorment li trid issir il-prova tal-mandat li l-attur jallega li kellu minghand huh Carmelo Gauci biex jghamel il-kawza;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-1 ta' Ottubru 1996 li biha gie dikjarat li l-attur Philip Gauci qed jagixxi biss personalment u li m'ghandux u

mhux ipprovat li qatt kellu mandat biex jidher f'dawn il-proceduri ukoll f'isem l-assenti huh Charles Gauci. Konsegwentement gie ordnat li jigu kancellati mill-okkju tal-kawza u kull fejn mehtieg il-kliem "u bhala mandatarju ta' huh Carmelo Gauci msiefer" kif ukoll kull referenza fl-atti li tissenjala dawn il-fatti. Gie inoltre dikjarat u deciz li t-transazzjoni tal-kawza kif verbalizzata fis-seduta tat-28 ta' Mejju 1993 ma ghandha l-ebda validita' jew effett fil-ligi lanqas fir-rigward tas-sehem ta' Philip Gauci personalment. Inoltre giet akkolta t-talba tal-attur ghall-kjamata fil-kawza tal-istess Carmelo Gauci bhala konvenut f'din il-kawza kif ukoll it-talba ghan-nomina ta' kuraturi deputati biex hekk jirrappresentawh fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti. Baqghu riservati lill-istess Carmelo Gauci kull dritt lilu spettanti si et quatenus konsegwenzjali ghall-kjamata fil-kawza tieghu f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri. Fl-ahhar nett il-kawza giet differita biex titkompla tigi trattata fil-meritu wara li jigu nominati l-kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-istess Carmelo Gauci wara li dawn jigu notifikati bl-att tac-citazzjoni. Gie ukoll deciz li l-ispejjes relattivi ghal dan l-incident ikunu a karigu ta' l-attur personalment u bir-riserva fuq mghamula fir-rigward ta' l-ispejjes sa issa inkorsi f'dawn il-proceduri;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-1 ta' Ottubru 1996 li bih gew nominati bhala kuraturi deputati l-Avukat Dottor Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud biex jirrappresentaw lill-assenti kjamat fil-kawza Carmelo Gauci;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati fejn gie eccepit :-

1. Illi huma mhux edotti mill-fatti;

2. Illi mhux indikat ghaliex huma gew imsejha biex jirrappresentaw lil Carmelo Gauci;

3. Illi huma jitolbu lill-partijiet l-ohra jindikawlhom fejn jistghu jikkomunikaw ma Carmelo Gauci;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat :

Bis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-1 ta' Ottubru 1996 gie deciz fost affarijiet ohra li meta l-attur ippresenta l-presenti citazzjoni huwa kien qed jagixxi biss f'ismu propju. Huwa ma seta qatt jagixxi ukoll ghan-nom ta huh imsiefer peress li huwa qatt ma kellu mandat biex hekk jagixxi minnghand l-istess huh. Gie ukjoll deciz li l-imsemmija transazzjoni kif verbalizzata fil-kors tas-seduta tat-28 ta' Mejju 1993 ma ghandha l-ebda validita' jew effett fil-ligi u dana lanqas fir-rigward tas-sehem tal-attur personalment;

Fic-citazzjoni tal-attur, Philip Gauci, kontra r-ragel ta ohtu mejta, Anthony Gatt u kontra l-kjamat fil-kawza huh imsiefer, Carmelo Gauci, l-istess attur jippremetti li ohtu, Giovanna Gatt mart il-konvenut Anthony Gatt, mietet fit-3 ta' Settembru 1990, minghajr tfal u intestata. Ghalhekk il-partijiet huma l-eredi de iure taghha. L-attur jippremetti li huwa ma jixtieqx li jibqa f'komunjoni mal-partijiet l-ohra u ghalhekk talab li jigu likwidati l-assi partikolari tal-mejta ohtu Giovanna Gatt billi dawn jigu dikjarati li jikkonsistu fil-beni parafernali tal-istess mejta flimkien ma nofs dawk il-beni mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u l-konvenut, Anthony Gatt, u liema komunjoni ghandha tigi likwidata u diviza bejn l-istess konvenut, Anthony Gatt u martu u n-nofs tal-mejta jigi assenjat lill-assi ereditarji taghha, waqt li n-nofs l-iehor jigi assenjat lill-istess konvenut Anmthony Gatt. L-attur talab ukoll li l-assi ereditarji kollha tal-mejta jigu divizi bejn il-kontendenti, terz kull wiehed u lilhom assenjat s-sehem rispettiv. Talab ukoll li f'kaz li l-beni formanti parti mill-assi ereditarju tal-mejta Giovanna Gatt jirrizulta mhux divizibbli, li ghalhekk tigi ordnata l-licitazzjoni tal-istess beni u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti ugwalment. Talab ukoll li jigi nominat

nutar sabiex jircevi l-att pubbliku relattiv u li jigi nominat kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

L-eccezzjoni ulterjuri talk-konvenut Anthony Gatt giet deciza permezz tal-imsemmija sentenza tal-1 ta’ Ottubru 1996. Fil-meritu l-istess konvenut Anthony Gatt irrisponda li huwa qatt ma oppona li ssir il-qasma in kwistjoni. Il-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li jirrappresentaw lill-assenti kjamat fil-kawza Carmelo Gauci eccipew principalment li huma mhux edotti mill-fatti;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa r-relazzjoni tal-perit tekniku. Taqbel mal-kostatazzjonijiet li ghamel u mal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess perit tekniku. Ghalhekk il-Qorti tadotta l-istess konkluzjonijiet u tghamillhom taghha. Ghalhekk jirrizulta li l-assi tal-komunjoni esistenti bejn il-konvenut Gatt u martu, l-mejta Giovanna Gatt, jikkonsistu minn beni mobbli li jinsabu fid-dar u fir-razzett u minn beni immobbli cioe r-razzett u ghalqa, fi Sqaq il-Qenc (limiti taz-Zebbug), kif deskritti fir-relazzjoni. Il-perit tekniku ghamel valutazzjoni tal-beni mobbli kollha (Appendici "A") u jirrizulta li komplessivament dawn ghandhom valur ta’ mitejn u sitta u sittin liri maltin u tmienja u sittin centezmi (Lm266.68). L-imsemmija razzett u ghalqa bis-servitujiet kif deskritti fir-relazzjoni, altrimenti libru u frank, gew valutati ghas-somma ta’ erbat elef hames mija u sittin liri maltin (Lm4560). L-annimali komplessivament gew valutati ghas-somma ta’ wiehed u sittin liri maltin (Lm61);

Jirrizulta ukoll li l-assi parafernali tad-decuius, Giovanna Gatt, jikkonsistu ukoll kemm minn beni mobbli kif ukoll minn beni immobbli, u cioe’ zewg terzi indivizi tal-utili dominju perpetwu ta' parti mill-fond urban 15, De Rohan Street, Zebbug, u cioe' dik il-parti tal-fond, li hi r-residenza tal-konvenut, u kif ahjar deskritta fir-relazzjoni u kif suiggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm6 (sitt liri Maltin). Il-beni mobbli gew stmati komplessivament ghas-somma tlett mija u hamsa u disghin liri maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm395.28) u l-imsemmi fond urban

gewwa Haz-Zebbug gie stmat hamest elef tmien mija u tmenin liri maltin (Lm5880);

L-assi tal-komunjoni ghndhom jinqassmu nofs il-konvenut Gatt u n-nofs l-iehor lill-assi ereditarji tal-mejta martu Giovanna Gatt u cioe’ lill-eredi taghha, li huma zewgha l-konvenut Gatt kwantu ghan-nofs (1/2), huha l-attur Philip Gauci kwanti ghal kwart (1/4) u huha l-iehor il-kjamat fil-kawza Carmelo Gauci kwantu ghar-rimanenti kwart (1/4). Ovvjament l-assi parafernali tal-imsemmija Giovanna Gatt ukoll iridu jigu assenjati lill-imsemmija eredi taghha fl-istess kwoti;

F’dan ir-rigward sewwa rrelata l-abbli perit tekniku li l-assi ereditarji tad-decujus Giovanna Gatt jintirtu, skond il-ligi, kwantu ghan-nofs (1/2) minn zewgha l-konvenut u kwantu ghan-nofs (1/2) l-iehor jinqasam ugwalment bejn hutha l-attur u l-kjamat fil-kawza. Dan kollu in vista tal-provedimenti tal-artikolu 826 tal-Kodici Civili u in vista ukoll tal-fatt li d-decujus mietet minnghajr ma halliet tfal;

Il-perit tekniku ghamel pjan ta’ divizjoni u cioe’ :-
Lill-konvenut Gatt ghandu jigi assenjat -
(i) mill-assi tal-komunjoni
(a) il-beni mobbli, kontrassenjati bl-ittra "T" wara l-ittra "K" fl-Appendici "A" ga fuq imsemmi, li jigu jammontaw ghall-valur ta' Lm184.98 (mija u erba' u tmenin liri maltin u tmienja u disghin centezmu);
(b) dik il-parti mill-ghalqa/razzett ta' Sqaq il-Qenc, li qieghda murija fuq ix-xellug tal-linja "ch" f'RLF 2, li tikkomprendi cirka 1260 (Elf mitejn u sittin) metri kwadri mir-raba u l-bini kollu barra G u H, liema zewg ambjenti flimkien mar-rimanenza tar-raba, cioe dik li qieghed fuq il-lemin tal-istess imsemmija linja "ch" se jigu jiffurmaw il-porzjonijiet l-ohra, kif suggetta din il-parti ghad-dritt ta' passagg ta' terzi, kif ukoll issa tal-kondividenti l-ohra, ghat-tul "zz" fil-kaz tal-ewwel u ghat-tul "zzi" fil-kaz tat-tieni, u dejjem skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'Dok. A5 ga msemmi, li ghandha l-valur ta' Lm3420 (tlett elef erba' mija u ghoxrin liri maltin), u
(c) l-annimali, bil-valur komplessiv ta' Lm61 (wiehed u sittin liri maltin),

u ghalhekk, peress li l-valur tas-sehem lilu spettanti ghandu jkun 3/4 (Lm266.68 + Lm4560 + Lm61) ossija Lm3665.76, u b'kif hawn fuq propost, hu se jigi jiehu Lm184.98 + Lm3420 + Lm61 = Lm3665.98, hu jigi li ghandu jhallas ekwiparazzjoni ta' 22c (tnejn u ghoxrin centezmu) u

(ii) mill-Assi Parafernali

(a) il-beni mobbli, kontrassenjati bl-ittra "T' wara l-ittra "P" fl-Appendici "A" ga fuq imsemmi li jigu jammontaw ghall-valur ta' Lm197.70 (mija u sebgha u disghin liri Maltin u sebghin centezmu), u

(b) iz-zewg terzi indivizi tal-utili dominju perpetwu fuq dik il-parti mill-fond urban Nru. 15, de Rohan Street, Zebbug, komprendenti l-ambjenti ikkontrassenjati GFHKIJ fis-sular tal-Art u t-tlett bjut D tas-Sular ta' fuq f'RLF 1 ga imsemmija, kif suggett ghar-rata ta' cenz annwu perpetwu ta' Lm4.30 (erba' liri Maltin u tletin centezmu), kif muri ratejizzat dan f'Appendici "B" u kif suggett ukoll ghas-servitujiet naxxenti minn din id-divizjoni, fosthom it-tieqa tal-ambjent E li se jigi jifforma parti minn porzjon ta' haddiehor, tal-valur din ta' Lm2490 (elfejn disa' mija u erbghin liri maltin), u ghalhekk, peress li l-valur tas-sehem lilu spettanti ghandu jkun ½ (Lm395.28 + Lm5880) ossija Lm3137.64 u b'kif hawn fuq propost, hu se jigi jiehu Lm197.70 + Lm2940 = Lm3137.70 hu jigi li ghandu jhallas ekwiparazzjoni ta' 6c (sitt centezmi);

Ghandhom jigu ffurmati zewg porzjonijiet ugwali, li jittellghu bix-xorti u li jigu assenjati wahda lil kull wiehed lill-attur u lill-kjamat fil-kawza;

Porzjon "A"
Mill-Assi tal-Komunjoni
(a) il-beni mobbli, ikkontrassenjati bl-ittra "A" wara l-ittra "K" fl-Appendici "A" ga fuq imsemmi, li jigu jammontaw ghall-valur ta' Lm40.25 (erbghin liri Maltinn u hamsa u ghoxrin centezmu), u
(b) dik il-parti tal-ghalqa/razzett ta' Sqaq il-Qenc, kompriza bejn il-linji "ch" u "dg", li taghmel il-qis superficjali ta' cirka 210 (mitejn u ghaxra) metri kwadri, kif murija fil-ga msemmija RLF 2, u l-ambjent "G" li jigi iffurmat billi

jitkompla sas-saqaf u jinghalaq kompletament il-hajt illum indikat bhala separanti z-zewg spazji "F" u "G" u li jkun accessibbli mill-isqaq mill-passagg "zzi" u l-bieb li jkun irid jinfetah fil-posizzjoni "zi" u bid-dritt tal-ilma mill-bir li hemm fl-ghalqa (il-parti recintata mill-hajt tas-sejjieh), tal-valur din ta' Lm570 (hames mija u sebghin liri Maltin), u, ghalhekk, peress li l-valur tas-sehem spettanti lil dina il-porzjoni ghandu jkun 1/8 (Lm266.68 + Lm4560 + Lm61) = Lm610.96, u, b'kif hawn qed jigi propost, din se tigi tiehu biss Lm40.25 + Lm570 = Lm610.25, din tigi li ghandha tircievi ekwiparazzjoni ta' 71c (wiehed u sebghin centezmu);

u Mill-Assi Parafernali

(a) il-beni mobbli, kontrassenjati bl-ittra "A" wara l-ittra "A" wara l-ittra "P" fl-istess fuq imsemmi Appendici "A", li jigu jammontaw ghall-valur ta' Lm98.60 (tmienja u disghin liri Maltin u sittin centezmu), u

(b) iz-zewg terzi indivizi tal-utili dominju perpetwu fuq dik il-parti mill-fond urban Nru. 15 De Rohan Street, Zebbug, komprendenti l-ambjenti CD (l-ambjent tat-tarag) fil-pjan tal-Art u l-ambjenti ABC fil-Pjan ta' Fuq fuq RLF 1 ga msemmija, kif suggett ghar-rata ta' cens annwu perpetwu ta' Lm1.10 (Lira Maltija u ghaxar centezmi), kif muri ratejizzat dan f'Appendici "B", u b'dawk is-servitujiet naxxenti minn din id-divizjoni ghal dik li hi, per ezempju, ilma tal-bjut ta' din il-parti li jibqa' jmur fil-bir tal-fond li se jigi fil-parti assenjata lill-konvenut, tal-valur din ta' Lm1470 (elf erba' mija u sebghin liri maltin), u ghalhekk, peress li l-valur tas-sehem spettanti lil din il-porzjoni ghandu jkun 3/4 (Lm395.28 + Lm5880) ossija Lm1568.82 u b'kif hawn fuq hu propost, din se tigi tiehu Lm98.60 + Lm1470 = Lm1568.60, din tigi li ghandha tircievi ekwiparazzjoni ta' 22c (Tnejn u ghoxrin centezmu);

Porzjon "B"

Mill-Assi tal-Komunjoni

(a) il-beni mobbli, ikkontrassenjati bl-ittra "B" wara l-ittra "K" fl-Appendici "A" ga fuq imsemmi li jigu jammontaw ghall-valur ta' Lm41.45 (wiehed u erbghin lira maltin u hamsa u erbghin centezmu), u

(b) dik il-parti tal-ghalqa/razzett ta' Sqaq il-Qenc li qieghda fil-lemin tal-linja "dg" fuq RLF 2 li taghmel il-qis superficjali

ta' cirka 210 (mitejn u ghaxra) metri kwadri, u l-ambjent "H" li jigi accessibbli mill-passagg "zzi" kif ga ssemma aktar 'il fuq ghall-ambjent korrispondneti assenjat lill-porzjoni l-ohra, u bl-istess dritt ghall-ilma tal-bir tal-ghalqa kif ukoll ga msemmi, tal-valur din ta' Lm570 (hames mija u sebghin liri Maltin) u ghalhekk, peress li l-valur tas-seheb spettanti lil din il-porzjoni ghandu jkun :m610.96, u cioe' identiku ghal dak tal-porzjoni precedentement deskritta, u, b'kif qed jigi hawn propost, din se tigi tiehu Lm41.45 + Lm570 = Lm611.45, din tigi li ghandha  thallas ekwiparazzjoni ta' 49c (disgha u erbghin centezmu);

Mill-Assi Parafernali
(a) il-beni mobbli, kontrassenjati bl-ittra "B" wara l-ittra "P" fl-Appendici "A" ga fuq imsemmi, li jigu jammontaw ghall-valur ta' Lm98.98 (tmienja u disghin liri Maltin u tmienja u disghin centemzu);
(b) iz-zewg terzi indivizi tal-utili dominju perpetwu fuq dik il-parti mill-fond urban nru. 15 De Rohan Street, Zebbug, komprendenti l-ambjenti CD (l-ambjent tat-tarag) fil-pjan tal-Art u l-ambjenti ABE fis-sular tal-Art kif murija f'RLF 1 ga fuq imsemmija, kif suggett ghar-rata ta' cens annwu perpetwu ta' 60c (sittin centezmu), kif muri ratejizzat dan fl-Appendici "B" ukoll ga fuq imsemmi, u b'dawk is-servitujiet naxxenti minn din id-divizjoni, partikolarment ghal dik li hi t-tieqa li mill-ambjent E thares ghal fuq il-bitha F li se tigi assenajta lill-konvenut, tal-valur din ta' Lm1470 (elf erba' mija u sebghin liri maltin), u ghalhekk, peress li l-valur tas-sehem spettanti lil din il-Porzjoni ghandu jkunLm1568.82, u, b'kif hawn fuq hu propost, din se tigi tiehu Lm98.98 + Lm1470 = Lm1568.98, din tigi li ghandha thallas ekwiparazzjoni ta' 16 c (sittax-il centezmu);

Kwantu ghall-ekwiparazzjonijiet peress li l-konvenut Gatt ghandu jhallas 22c, in kwantu ghall-parti li tigi tmiss lilu mill-Assi tal-Komunjoni u 6c in kwantu ghall-parti li tigi tmiss lilu mill-Assi Parafernali, u peress illi Porzjoni B ghandha thallas 49c u 16c, filwaqt li l-Prozjon A ghandha tircievi 71c u 22c, ghalhekk il-Porzjon A ghandha tircievi total ta' 93c, li minnhom 28c ihallashom il-konvenut u r-rimanenti 65c thallashom il-Porzjoni B;

Il-perit tekniku jirrapporta li qabel ma jigi pubblikat l-att ta’ divizjoni ghandhom isiru xi xogholijiet fid-dar numru 15, de Rohan Street, Zebbug fir-razzett ta' Sqaq il-Qenc, Zebbug. In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz mhux il-kaz li jigu ordnati dawn ix-xogholijiet. Ghandu pero’ jigi rakkomandat li dawn ix-xogholijiet isiru, jekk huma necessarji u min minn ikun l-eventwali sid tal-proprjeta’ in kwestjoni;

Skond kif ukoll jirrelata l-perit tekniku, minhabba certi ragunijiet, mhux prattiku li l-ewwel issir il-qasma tal-beni tal-komunjoni, imbaghad issir dik tal-assi ereditarji tad-decujus. In effett l-istess rizultat qed jintlahaq bil-metodu adottat mil-abbli perit tekniku. Jigi ukoll rilevat li fejn illum l-oggetti jew l-annimali m’ghadhomx jesistu, minnflok jista jithallas il-valur taghhom skond ir-relazzjoni jew issir l-ekwiarazzjoni necessarja;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Giovanna Gatt billi tiddikjara li dawn jikkonsistu fil-beni parafernali tal-istess mejta flimkien ma nofs dawk il-beni mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-mejta u r-ragel taghha l-konvenut u dana skond kif jirrizulta mir-rapport tal-perit tekniku kif ukoll minn din is-sentenza. In-nofs l-iehor ghandu jigi assenjat lill-konvenut Gatt. L-assi ereditarju kollu tal-istess mejta ghandu jigi diviz kwantu ghan-nofs lill-istess ragel taghha l-konvenut Gatt u kwantu ghar-rimanenti nofs dan ghandu jinqasam bejn huha l-attur u huha l-iehor il-kjamat fil-kawza. Peress li dawn l-assi kollha jirrizultaw komodament divizibbli bejn il-kontendenti u dana skond il-kwoti indikati tordna li dawn l-istess assi jigu divizi bejn il-partijet skond il-pjan ta’ divizjoni li sar mill-perit tekniku kif kontenut fir-rapport tieghu u f’din is-sentenza. Tinnomina lin-Nutar Dottor Peter Carbonaro sabiex jircevi l-Att Pubbliku tad-divizjoni u dana mhux aktar tard minn tlett xhur millum u tinnomina

lill-Avukat Dottor Adrian Muscat Azzopardi bhala kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Spejjez kollha jinqasmu bejn il-partijiet skond il-kwoti rispettivi taghhom kif jirrizultaw mill-rapport tal-perit tekniku u minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------